**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022**

Rikors Numru: 365/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1670/1999)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. ILLI l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija, disgha u disghin (18.09.1999), certifikat taz-zwieg anness **Dok A**;

2. ILLI minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, D B, li twieldet fid-disa ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (09.07.2001) u li ghadha studenta fuq bazi *full-time*;

3. ILLI huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar it-30 ta' Gunju 2020 fl-atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella, liema kuntratt qieghed hawn anness u mmarkat **Dok B;**

4. ILLI m'hemm l-ebda pretensjoni ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin stante li l-partijiet irrinunzjaw ghal istess dritt;

5. ILLI l-manteniment dovut mill-intimata versu l-esponent ghal bzonnijiet tal-maggorenni bint dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati;

6. ILLI ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi illum jghixu hajja kompletament separata minn xulxin;

7. ILLI dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

8. ILLI r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m' għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2022;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.